TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru. 123

KAZ Nru. 163

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Mr Manuel Debattista
u
Messrs Sunrise Park Hotel
dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.
Data: 9 ta' Gunju, 1982

Chairman: C. Rowe

B'ittra tal 1 ta' Ottubru, 1981, il-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura, irreferit lil dan it-Tribunal taht id-desposizzjonijiet tal-Att 28(2) tal-Att Nru XXX tal-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz hu dwar tkeccija li l-appellant jallega li kienet ngusta.

2. It-Tribunal zamm hames seduti biex jinstema l-kaz li fihom l-appellant kien assistit mis-Sur J. Debono Grech.

Ghas-Sunrise Park Hotel (Holiday Complex) mexxa l-kaz is-Sur Paul C. Debono, Managing Director.

3. Statement of Case.

Ghall appellant is-Sur Debono Grech ghamel il-ftuh verbalment u qal li l-parti li kien qed jipprezenta kienet lesta li tirranga l-kwistjoni barra t-Tribunal.

Qal li l-appellant mhux qed jitlob re-instatement. Bhala receptionist l-appellant ma kienx suppost jaghmel xoghol ta' tqandil (irfiegh) apparti l-fatt li l-appellant kien offra li jghin imma dan mhux xoghol ta' clerk/receptionist u l-appellant kien qal kemm il-darba lis-Sur Debono li ma setax ikompli jaghmel dan ix-xoghol. Fil-fatt kien dahal is-Sur F. Coleiro, segretarju tat-Taqsima tal-Lukandi tal-G.W.U. u dan kellu tahdita mas-Sur P. Debono, il-Manager tas-Sunrise Park, u dan qallu li ser jimpjega

.../2

assistent biex jaghmel dan ix-xoghol ta' tqandil. Il-hsieb tal-Manager kien li meta dan l-assistent jibda x-xoghol, lil appellant jibghatu l-barra.

Il-haddiem il-gdid meta talab l-ghajnuna biex itella l-grocery packs, gie mgharraf mill-manager li ser ikollu l-ghajnuna tal-appellant, imma Debattista ma riedx ghax kien jaf x'ghadda bejn is-Sur Coleiro u s-Sur P. Debono. Meta rrifjuta gie mkecci. Ghaldaqshekk ma kienx qed jitlob reinstatement ghax jaf x'jista jigri.

Minn meta gie mkecci ghadu ma jahdimx u meta jigi biex jahdem ikunu jridu jafu ghala tkeccja. Ipprovajna nirrangaw u tlabna somma li ghaliha l-Manager ma riedx jasal, issa ser nitolbu li hu ghandu jigi mhallas il-paga ta kemm ilu qieghed. Ghax dan ma giex imkecci ghax ma riedx jaghmel xoghol tal-clerk/receptionist. Dan ix-xoghol kien jaghmlu. Barra minn hekk l-appellant ghandu jigi moghti certifikat tajjeb, biex ikun jista jahdem kif jixtieq - Receptionist.

4. Ghas-Sunrise Park Hotel is-Sur P Debono ressaq statement miktub bl-Ingliz, u billi l-proceduri saru bil-Malti, it-Tribunal ihoss li hawn jitnezzel fil-qosor dak li fih dan lis-statement (Dokument 1).

L-appellant, is-Sur M. Debattista gie mpjegat mas-Sunrise Park Holiday Complex bhala Part Timer fit-2 ta' Marzu, 1981.

Il-Mini Market, li hu magemb l-ufficju/reception, jinfetah biss fuq talba tal-klienti, meta l-okkupanti tal-Lukanda jkunu ftit (Slak Periods) u dan il-ftuh isir minn min ikun qed jiehu hsieb l-ufficju - Receptionist/Supervisor/Housekeeper u hemm avviz dwar dan fuq il-bieb tal-mini market u fin-notice board tal-Lukanda. "Starter Grocery Pack" jigi ppreparat u mqieghed f'xi appartamenti ta' xi okkupanti qabel dawn jaslu fil-Lukanda. Il-mini market jinfetah il-hin kollu fil-high season u fl-1981 ma giex miftuh regolari qabel Lulju, ghax il-business ma kienx qawwi u l-appellant ma kienx ikollu wisq x'jaghmel kieku ma kienx jiehu hsieb ukoll il-mini market. F'Luknada zghira bhas-'Sunrise Park' l-impjegati inkluz il-Manager, is-Sur P. Debono huma flessibbli.

.../3

Dawn id-doveri kienu jsiru mill-appellant minn meta beda jahdem sat-12 ta' Lulju, 1981. Meta kien ikun frank, dan ix-xoghol kien isir mis-Supervisor kif ukoll minn bint il-propjetarju, li kienet tahdem ukoll bhala receptionist.

Kien gie miftiehem bejn l-appellant u s-Sur F. Debono li jibda jahdem fuq bazi full time u b'hekk ikollu aktar hin biex jaedi d-doveri tieghu tal ufficju/mini market u bhala ncentiv kien ser ikollu paga ta £29 fil-gimgha u mhux £27.50,0 kif kien gie miftehem fil-kuntratt tax-xoghol. Jidher car li kieku l-appellant ma kienx ser jaghmel il-'grocery packs' ma kienx ser jigi offrut xoghol full time u paga izjed milli ftehmu fil-bidu.

Beda probationary period gdid fuq bazi full time fil 29 ta' Gunju, 1981. Fit-13, 14 u 15 ta' Lulju 1981, ma riedx jiehu l-grocery packs fl-appertamenti minghajr ma ta raguni valida.

Gie mwissi kull darba f'dawn l-okkazzjonijiet u ghidtlu li b'hekk isir redundant u ma jkunx hemm haga ohra hlief li jigi licenzjat mix-xoghol.

B'ittra ta' 18 ta' Lulju, 1981 tajtlu avviz iehor tas-sensja. Spjegajtlu li kont ser indahhal lil xi hadd biex jiehu hsieb il-mini market full time, ghax kienu qed jizdiedu l-guests fil-Lukanda. Madankollu, meta jkun hemm bzonn, l-appellant kien irid jghin ghax ma stajniex nimpjegaw xi hadd ghas-sena kollha ghal-mini market biss, l-aktar fl-istagun li kien hazin. Fissirtlu li l-imgieba tieghu kienet qed tisfurzani biex nillicenzjah.

Din l-ispjegazzjoni tajta lil-ufficjali tal-Labour Department kif ukoll lis-Sur F. Coleiro fuq it-telephone, meta dawn cempluli fuq l-appellant.

Jien kont fissirt ukoll din il-qaghda lil-mis ier Debattista, meta gie ma ibnu u l-missier kien baqa mistaghgeb bl-attitudni ta' ibnu, meta ma ridx jiehu l-grocery packs, meta huwa seta juza lift u ma kellux wisq x'jaghmel.

Infatti hadd ma gie mpjegat fuq bazi full time biex jiehu l-post ta' Mr Debattista, ghax din is-sena, 1982, in-negozju miexi bil-mod.

Billi Debattista kien fuq period of probation mid-29 ta' Gunju, Sunrise Park Hotel kien gustifikat li jkecci lill appellant u bla prejudizzju ghal dan kien hemm ragunijiet ohra.

(a) Impjegat ma jisthax jirrifjuta li jaghmel id-doveri tieghu, doveri li kien jaghmel bla garr u kieku ma qabilx seta qal dan mill-ewwel u mhux jaghmel dan ix-xoghol ghal 4 xhur u ghal gimghatejn ohra meta beda jahdem full time bil-ftehim li jaghmel dawn id-doveri u jithallas paga oghla biex tkopri dawn id-doveri.

(b) Impjegat li ma jkollux hafna x'ghamel hu mistenni li jkun flessibbli u jghin dipartimenti ohra, inkella jigi meqjus li hu zejjed (redundant) kif kien ser jigri lill appellant.

(c) Fi tliet okkazzjonijiet (filghaxija taz 17 ta' April, fl-ghodwa tat 18 ta' April u filghaxija tat-13 ta' Gunju 1981, l-appellant kien falla mix-xoghol bla ma ta avviz u bla raguni valida u halliena lampa stampa 'stranded', u wara diversi twissijiet gie sospiz nofs ta' nhar fil-15 ta' Gunju, 1981.

(d) Fil-25 ta' Lulju, 1981, l-ahhar jum fis-Sunrise Park beda jiftahar ma Kenneth Schranz, li gie mpjegat biex jahdem fil-mini market li "Jiena ma rridx niehu il-packs fl-appartamenti fuq struzzjonijiet tal-Union". Ir-rimarki tieghu u kif tkellem kienu ta' nuqqas ta' rispett lejja u lejn il-management u ma kellix triq ohra hlief li nkeccieh ghax kien qed jimmina l-awtorita tieghi ma haddiem gdid. Mhux talli wera nuqqas ta' rispett bi kliemu u l-mossi tieghu, imma beda jghid ukoll lil-haddiem il-gdid biex ma jaghtiniex stima ukoll.

Qatt ma qaluli bil-fomm jew bil-kitba mid-Dipartiment tax-Xoghol li jien ma kontx gustifikat li nkecci lil-Debattista. Ghal kuntrarju dejjem gejt moghti x'nifhem li l-haddiema ghandhom ikunu flessibbli meta jkun hemm 'slack periods' jekk ma jridux isibu ruhhom bla xoghol (redundant).

Ahna ninsistu ghal imgieba tajba mill-impjegati, biex lil-klienti nzommuhom sodisfatti u l-impieg ta' Debattista fil-lukanda kien ikun qed inaqqas l-awtorita u l-abilita tal-management biex jikkontrolla lil impjegati l-ohra u jzomm lil klienti kuntenti.

L-imgieba ta' Debattista u t-twiddibiet verbali u miktuba li gie moghti u dawn l-ispjegazzjonijiet l-ohra li nghataw inhoss li t-tkeccija tieghu kienet gustifikata.

5. <u>Dokumenti li gew npprezentati</u>

| | |
|---|---|
| Dok 2 | Kopja tal-Kuntratt ta' Servizz bejn Sunrise Park Holiday Complex u Mr Emanuel Debattista. |
| Dok 3 | Kopja ta' ittra mis-Sunrise Park Holiday Complex lil Debattista (Notice of Dicharge). |
| Dok 4 | Kopja ta' ittra lid-Director of Labour b'taghrif dwar id-discharge ta' Debattista. |
| Dok 5 | Kopja ta' ittra mid-Departiment of Labour li taghha tidher twegiba f'Dok 4. |
| Dok 6 | Kopja ta' ittra (warning) mis-Sur P. Debono lis-Sur M Debattista. |
| Dok 7 | Kopja tac-Certifikat ta' temm ta' impieg tas-Sur Debattista. |
| Dok 8 | Kopja tal-Kuntratt tax-Xoghol tas-Sur Schranz. |
| Dok 9 | Kopja tal-Kuntratt tax-Xoghol ta' Miss Antionette Baldacchino. |
| Dok 10 | Kopja ta' Pagna mit-The Times dwar vakanzi ghal-xoghol fis-Sunrise Park Hotel. |
| Dok 11A | Statement dwar pagi li gew imhallsa lis-Sur Debattista kemm dam impjegat mas-Sunrise Park Hotel. |
| Dok 11B | Kopja tal-pagi kif imhallsa lis-Sur Debattista motija f'perjodu ta' hmistax il-gurnata. |

Id-Dokumenti kollha barra Dokument 10 gew ipprezentati mis-Sur P. Debono. Dokument 10 gie pprezentat mis-Sur J. Debono Grech.

6. Xhieda

Ghall-Appellant

| | |
|---|---|
| Is-Sur Kenneth Schranz | ex impjegat fis-Sunrise Park Hotel |
| Is-Sur Francis Coleiro | Segretarju Taqsima Lukandi Restoranti u Ikel tal-G.W.U. |
| Is-Sur Manuel Debattista | Appellant |

Ghall-Management

| | |
|---|---|
| Is-Sur Carmel Sciberras | Accountant Sunrise Park Hotel |
| Miss A. Baldacchino | ex impjegata Sunrise Park Hotel |
| Is-Sur P. Debono | Managing Director |

Mitluba mit-Tribunal

| | |
|---|---|
| Is-Sur A. Miceli | Impjegati fid-Dipartiment |
| Is-Sur O. Sammut | tax-Xoghol |

7. Xhieda fil-Qosor

L-ewwel xhud kien l-appellant is-Sur M. Debattista. Ghal-mistoqsijiet tas-Sur J. Debono Grech qal li hu fil-bidu ma kienx jaghmel xoghol fil-miri market, ghamel kuntratt wiehed bis- Dok 2, u qal li hu kellu jidhol jahdem bhala full timer, imma qalli, is-Sur P. Debono qalli biex nahdem part timer.

Kien jahdem fl-ufficju fir-reception u kien jahseb li ser ikun receptionist biss, pero tawh ukoll xoghol clerkali u typing. Bil-mod bdejt nghin it-tifla tas-Sur P. Debono imbghad din naqqset mix-xoghol u beda jizdied fuq ix-xoghol fil-mini market. Il-grocery packs kienu jsiru mit-tifla tas-Sur P. Debono u billi kienu tqal, trid u ma tridx tghinha u hassejt li ghandi nghinha. Dan ghamiltu volontarjament u bqajt naghmlu, imbaghad it-tifla tas-Sur Debono naqqset mix-xoghol u dan waqa fuqi (l-appellant) ghax hu biss kien hemm biex jaghmlu.

Ghal-bidu ma pprotestajx mas-Sur Debono ghax ma kontx inhossu tqil ghall-ewwel, imbaghad beda jizdied ix-xoghol u kont naghmlu wahdi. L-aktar ix-xoghol kien fil-mini market milli reception, aktar ma zdiedu nies zdied ix-xoghol tal-grocery packs, u bdejt aktar imbati. Wahdi ghidt kif nista naghmel dax-xoghol kollu? Ix-xhud qal li ma kienx imdorri f'dak ix-xoghol u qatt ma kien ghamel xoghol tqil. Allura iddecieda li jghid lis-Sur Debono. Qallu tliet darbiet u kull darba kien johodni bic-cajt. Meta rajt hekk ghidtlu li mhux ser nibqa

naghmel il-grocery packs. Is-Sur Debono bhal skanta, ghidtlu li qed jiffranka l-flus minn fuq darhi, ghidtlu li hemm bzonn idahhal lil xi hadd b'sahhtu sewwa biex iqandal dawk l-affarijiet.

Ix-xhud qal lil Manager li hu ma kienx imdorri jaghmel dak ix-xoghol u ma jaghmillux tajjeb ghal sahhtu. Kien jidher li l-garr tieghu ma kienx qieghed jigi mismugh mill-Manager.

Fil-lukanda ma kienx hemm hafna mpjegati u kien hemm accountant, supervisor u t-tifla tal-manager u din ma kienitx tigi dejjem; il-maid u xi bajjada li kienu jahdmu daqqa fil-lukanda u daqqa fil-flats tas-Sur Debono, speci jaghmlu maintanance. L-accountant ma kienx jaghmel ix-xoghol li kien jaghmel l-appellant. Qabel hadem fis-Sunrise, kien ghamel 30 xahar fil-Plaza Hotel fejn kien receptionist. Mas-Sur P. Debono mort biex nahdem wara li qalli missieri, jien xtaqt nahdem full time u jien dejjem kont nghidlu li jien full time suppost qieghed. Hu kien jghidli "ma taqlibx full time". U qalibni full time meta l-hlas tal-part time zdied f'daqqa. Kien sar minn xi 75centizmu ghal 135 centizmu.

Dam hafna part timer u kien jiehu paga baxxa. Qal li jahseb li sar full time meta l-Gvern hareg ligi li biha zdiedet il-paga ta' part timers.

Meta rrifjuta li jkompli jaghmel il-grocery packs, kien gie moghti xgimgha notice.

Ix-xhud, fuq mistoqsija tat-Tribunal qal li kien jahseb li gie mpjegat iehor ghax kien intervina s-Sur Francis Coleiro. Is-Sur Debono kien semma li ser idahhal lil xi hadd qabel baghtni l-barra.

Ix-xoghol tal-mini market bqajt naghmlu imma l-grocery packs le. Sakemm gie mpjegat wiehed gdid il grocery packs kienu jsiru mis-supervisor. L-impjegat il-gdid kien dahal wara li sar advertisement u meta gie kien hemm xi 7 grocery packs u kellhom jigu mtella fil-flats, ghax dik il-lejla kellu jkun hemm l-arrivals.

Ix-xhud qal li s-Sur Debono qabbdu biex jaghmel il-grocery packs mal-impjegat il-gdid.

Lis-Sur Debono ma qallu xejn, imma lil gdid kont ghidtlu xi jrid jaghmel, ghax mill-ew el dahal fil-mini market. Is-Sur Debono lix-xhud ma qallu xejn, imma l-gdid qalli biex nghallmu xi hagа fir-reception. Inbaghad is-Sur Debono qalli biex ittellghu l-grocery packs u jien ghidt lil-impjegat il-gdid li kont ghadni kemm ftehimt li ma naghmilhomx u semmejtlu l-Union u lis-Sur Coleiro. Hu fehemni u qalli "O.K. naghmilhom jien".

Fil-fatt ix-xhud tela mieghu biex jurih il-kmarar. L-impjegat il-gdid, Schranz, qal lis-Sur Debono li ried lil xi hadd biex jghinu u s-Sur Debono qallu li kien hemm jien. Dan wiegbu li jien ma stajtx, fuq is-diskors li kont ghidtlu.

Is-Sur Debono deher sorpriz u jien ghidtlu li hekk kont ftehmt li l-grocery packs ma naghmilhomx, halli forsi fix-xitwa naghti daqqa ta' id. Ghidtlu li fix-xitwa naghmilhom imma issa, fis-sajf le. Is-Sur Debono qalli "jew taghmilhom, jew inkella barra, u qabad il punch card u kelli nitlaq il-barra.

Lis-Sur Coleiro ix-xhud kellmu meta gie moghti l-avviz tas-sensja (notice) u rega mar jahdem ghax fehem li kien ser jaghmel ix-xoghol skond il-kuntratt u dan qalulu s-Sur Coleiro.

Mis-Sur Debono ma jiftakarx li gie moghti xi warning, imma darba, meta kien ghadu part time gie sospiz nofs ta nhar, ghax kien falla gurnata, is-Sibt, ghax kellu l-genituri gejjin mis-safar mar jilqaghhom l-airport.

Kien ilu javza lis-Sur Debono biex isib lil xi hadd iehor floku ghas-Sibt.

It-Tnejn mort ghax-xoghol u wara kliem mas-Sur Debono induna li dak il jum kien sospiz nofs ta' nhar. Ma jafx li kellu affarijiet ohra u qatt ma gie moghti written warning. Ix-xhud lit-Tribunal wiegbu aktar minn darba li qatt ma gie moghti written warnings.

.../9

Ix-xhud hass li gie mkeccji ngustament u meta mar il-Labour Office ra lis-Sur Sammut u dan kien kellem lis-Sur Debono u qallu li jien kont impjegat bhala receptionist. Kien tani parir biex nikteb in-National Employment Board.

<u>Kontro ezami ta' l-appellant</u>

Dan sar wara li kienu nstemghu is-xhieda ta' Schranz u Coleiro.

Ix-xoghol tal-grocery packs kien ghamilhom minn meta beda l-impieg sat 12 ta' Lulju. Ma rrifjutax ghax kien qieghed jaghmel pjacir lis-Sur Debono u ma kienx heavy (spiss) daqs kemm beda jizdied mad-dhul tas-sajf. Beda fil-packs biex jghin lit-tifla tas-Sur Debono u ma xtaqx li jieqaf u jaqa x-xoghol fuqha. Kienet turih imma t-tqandil kien isir minnu (l-appellant). Ma kompliex mhux ghax sar full time u spiccatlu l-probation.

It-Tribunal f'dan l-istadju gibed l-attenzjoni tas-Sur Debono li l-probation fil-kuntratt kienet ta' sitt xhur, ghad li t-Tribunal kien ta' ruling fuq din tal-probation kif jisemma l-quddiem.

Ikkonferma li mal-bieb tal-mini market u fuq in-notice board kien hemm avviz li jindika li minn jixtieq jinqeda bis-servizz ta' mini market japplika r-reception u u c-cwievet hemm kienu jinzammu. Meta sar full time l-appellant qal lis-Sur P. Debono ma qallux ghaliex sar jibdlu minn part time ghal-full time. Il-paga flok kif kien hemm stipulat fil-kuntratt £27.50,0 fil-gimgha saret £29 wara li sar ftehim bejn iz-zewg partijiet. Pero, l-appellant cahad li dan sar ghax qabel li jaghmel il-grocery packs. Ma ftakarx li kien mar ghand is-Sur Debono wara li temm l-impieg u talbu biex fuq id-discharge certificate jiktiblu li kien redundant. L-appellant qal li beda jirregistra ghax-xoghol Part II fit-3 ta' Awwissu u wara li kien appella lin-National Employement Board kienu accettawh Part I u beda jiehu l-beneficcji tal-qaghad. Dan dam jiehdu sa Jannar 1982 u somma totali li tawh kienet £194.50. L-ammont tal-hlas kien ivverifikah is-Segretarju tat-Tribunal ma Ufficjal tad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali.

Dwar fallimenti mix-xoghol u twissijiet verbali u warning miktub f'April u sospensjoni ta' nofs ta' nhar ix-xhud qal li jaf biss bin-nofs ta'nhar sospensjoni.

Dwar tmiem mix-xogool qal li kien ircieva in-notice is-Sibt u l-gimgha ta' wara l-Erbgha mar ghand is-Sur Coleiro u rega beda normali.

Meta s-Sur Debono kellem lil missier l-appellant u qal li dan baqa mistaghgeb bir-rifjut ta' ibnu li jaghmel i -packs. Debattista wiegeb li diskursata bejn missieru u s-Sur Debono kienet ta' ftit minuti u missieru staghgeb ghax gie mkecci.

<u>Is-Sur Kenneth Schranz</u>

Dam gimgha mpjegat mas-Sunrise Park, Dok 8, u wara gie mkecci. Mistoqsi mit-Tribunal, Schranz qal li kien impjegat bhala receptionist imma gie mqarraq u tawh xoghol fil-mini market u l-grocery packs. Rieduh ukoll ifittex lil-maids.

L-impieg hadu ghax ra avviz fil-gurnali u xtaq isib xoghol. Sena qabel kien ser jahdem mas-Sur Debono imma ma setax mhabba l-iskola.

Mela applikazzjoni fejn qal li kiteb li jixtieq jähdem bhala Reception/Clerk.

Meta kellmu s-Sur Debono u qallu li kultant irid jahdem fil-mini market, ix-xhud wiegbu li din ma kienitx fl-avviz, hu kien applika bhala Receptionist. Is-Sur Debono wiegbu li din tkun darba kultant u darba kultant saret li hu kien jaqdi xi klient, igorr il-kaxxi, laundry u l-mini market. Beda jahdem is-Sibt, Punch Card ma ghamlulux u wara li qalilhom aktar minn darba il-Punch Card saret it-Tnejn.

Meta beda jahdem, is-Sur Debono kien qallu li ser jurih ix-xoghol ta' receptionist u b'hekk jidra mill-ewwel u meta ma jkunx hemm ir-receptionist jiehu over hu.

Is-Sur Debattista l-ewwel ma wrieh kien il-P.A.B.X. (Telephones) imbaghad is-Sur Debono qallu li hemm il-mini market wahdu u qallu biex immur hemm. Gew xi klienti u qdihom kif seta u xi siegha qabel spiccaw is-Sur Debono qalilhom li kien hemm il-grocery packs. Ix-xhud kien sorpriz u wiegbu li hu receptionist qieghed. Imma is-Sur Debono qallu li dawn iridu jsiru ghax kienu gejjin xi 'arrivals'. Beda jtella l-grocery packs u ra li s-Sur Debattista ma kienx qed itella u xhud talbu jghinu. L-appellant wiegbu li hu kellu direttiva mill-Union biex ma jaghmilx grocery packs Ix-xhud fehem li l-appellant la kellu direttiva kellu jobdiha.

Ix-xhud qal li sakemm dam jahdem baqa jaghmel il-grocery packs, mini market u reception u qal li fl-istess jum li beda jahdem hu, tkecca l-appellant. Gurnata biss iltaqghu u f'dak il-jum ma semax argumenti jew tilwim bejn l-appellant u s-Sur Debono. Accetta ir-rifjut tal-appellant u wahdu qal li jiccara l-affarijiet mal-Manager.

Fuq insistenza tat-Tribunal, ix-xhud qal li ma giex effetwat bli qallu l-appellant, ma hassx li baxxa l-management anzi jifhem li la kellu dirittiva sinjal li kien qed jipprova jirranga s-sitwazzjoni tal-post fejn jahdem.

Mistoqsi mis-Sur Debono Grech, ix-xhud qal li l-Contract of Service gie moghti lilu gimgha wara li beda jahdem. Debattista gie mkeccji fl-istess jum li dahal jahdem hu. Leave ma kellux ghax hu kien dahal part time u meta applika u ghamel l-interview, is-Sur Debono ma kienx qallu li jrid jaghmel il-grocery packs, il mini market u tfittix tal-maids. Debattista ma xewxux biex ma jobdix lil-Manager u kemm dam jahdem bint il-Manager giet darba jew tnejn, mhux tahdem imma ddur il-lukanda.

Lix-xhud ma kienux qalulu dwar tiftix lil-maids, lil-appellant ma rahx ifittex u hu nnifsu spicca ghax ma riedx ifittex u kellu argument mal-Manager dwar baskett li hu kien idahhal il-lukanda u haseb li ma kellux indahhlu hemm. La telaqx imma gie mkecci.

Kontro ezami mis-Sur P. Debono - Schranz wiegeb li hu ried jahdem bhala receptionist u hekk kellu mnizzel mal-Labour Department, imma jekk inqatet Receptionist u nizzlu mini market assistant dan sar mis-Sur Debono. Meta mar ghall interview, is-Sur Debono staqsieh fejn kien jahdem qabel u x'kien jaghmel u ma sarx diskors fuq mini market assistant u hu applika bhala receptionist. Il-Contract of Service gie moghti lili gurnata qabel ma spicca l-Gimgha (1 ta Lulju). Mistoqsi x'kien fih il-Contract of Service ix-xhud qal li ma jiftakarx.

It-Tribunal talab lis-Sur P. Debono biex jara l-kopja tal-Kuntratt f'seduta ohra.

Meta gie pprezentat, Dokument 8, Schranz kien muri bhala mini market assistant part time. Fil-kuntratt kien hemm maqtuh il-kliem "with time in lieu for overtime" u "six" kienet mibdula "three" fejn tidhol il-perjodu tal-probation.

Is-Sur Debono qal li thassir u l-emendi saru fuq l-insistenza ta' Schranz. Fil-qiegh tal-kopja hemm remarki bl-Ingliz li l-kuntratt gie moghti lil-Schranz, fid-data li qal, imma t-Tnejn ma riedx jiffirma u gie mkecci (discharged).

<u>Is-Sur F. Coleiro</u>

Segretarju Taqsima Lukandi, Restoranti u Ikel tal-G.W.U. xehed li kien mar ikellmu l-appellant li qallu li kien receptionist fis-Sunrise Park Hotel u kien ikollu jaghmel xoghol fil-mini market u jgorr rations tar-residenti qallu li dan mhux xoghlu u kien qed jirrifjuta li jaghmlu ghax ma kienx tal mistier li jgorr il-kaxxi, etc. Ix-xhud cempel lis-Sur P. Debono u qall li x-xoghol li kien qed jaghmel l-appellant ma kienx ta' receptionist u qallu wkoll li dan ma ghandux ikompli jaghmlu. Is-Sur P. Debono kien wiegbu li ser idahhal wiehed biex jaghmel dan ix-xoghol ta' tqandil ta' kaxxi u ration. Hu ftehem li hekk kellu jsir minn din id-diskursata (li saret bit-telephone) qal lil Debattista biex imur lura ghax-xoghol u ma jafx x'gara wara.

Mistoqsi mit-Tribunal, ix-xhud qal li Debattista informah li kien gie moghti n-notice. Hu intervina u kien baqa mas-Sur P. Debono li dan ghandu jdahhal wiehed biex jaghmel ix-xoghol li Debattista rrifjuta. Lill-appellant kien tah ordni bien imur lura ghax-xoghol u s-Sur Debono kien ser idahhal iehor biex jaghmel dak ix-xoghol (Seduta 7 ta' Mejju, Page 3)

Mistoqsi mis-Sur Debono Grech dwar xi lmenti minn impjegati ohra, ix-xhud wiegeb li kellu l-menti minn zewg maids. Kien ikuntattja lis-Sur P. Debono imma ma kienx sar progress.

Dwar dak li kellu jidhol mal-Appellant, dan kellu jidhol bhala handyman. Ix-xhud wiegeb li hekk kien qallu s-Sur P Debono, Page 7.

Fil-kontro ezami mis-Sur Debono,- Is-Sur Coleiro qal li mas-Sur Debono kien tkellem bit-telephone u permezz tat-telephone jirranga hafna kazi milli jinqalghu fis-Sezzjoni tieghu.

Is-Sur Debono ried jaf jekk ix-xhud kienx jafu qabel din il-laqgha fit-Tribunal u x-xhud qal li jafu bhala employer, jafu ukoll ghax imur jispezzjona postijiet bhal ma ghandu s-Sur Debono.

Is-Sur Debattista kien membru tal-Union u fuq flessibility fil-Lukandi qal li din normalment isir qbil fuqha bejn Union u Management u ma jaqbilx kif kien imhaddem Debattista u fuq hekk kien ipprotesta. Sar jaf ix-xoghol tal-appellant ghax barra li qallu l-appellant is-Sur Debono kien qallu li ser idahhal wiehed bhala handyman biex jibda jaghmlu hu x-xoghol.

<u>Is-Sur Arthur Miceli</u>

Dan ix-xhud gie mtella fuq talba tat-Tribunal biex jiccara punt li nqala dwar il-klassifikazzjoni tas-Sunrise Park Hotel vis a ris il-Wages Council Regulations.

Ix-xhud li jahdem fid-Dipartiment tax-xoghol qal li s-Sunrise Park Hotel ghal dawn il-finijiet qieghda mal-Hotels, Clubs, Guest Houses Holiday Complexes u Tourist Villages u kienet saret emenda 10/3/80.

.../14

L-ordni li harget dwar il-partimers li harget 1981 kienet ghal nies li jahd u fil-hwienet, bars u restaurants. Ma kienitx tapplika ghal Hotels, etc.

Is-Sur O. Sammut.

Dan ix-xhud hu Officer in Charge Investigation of Registrations fid-Dipartiment tax-Xoghol u gie mitlub biex jixhed mit-Tribunal u mis-Sur P. Debono.

L-appellant kien mar ikellmu u qallu li ma qabilx ma kif gie mkecci, u kien qallu li hu kien jaghmel clerical duties u s-Sur Debono kien qabbdu jaghmel x-xoghol ta' grocery u jaghtihom fil-kmarar tat-turisti, qal li kellu hafna xoghol u qallu wkoll li kien qed jaghmel ix-xoghol taht protesta, filwaqt li s-Sur Debono qallu li kien ilu jaghmel dan ix-xoghol ghal madwar hames xhur.

Ix-xhud kienipprova jirranga d-differenzi bejn l-appellant u s-Sur Debono u dan kien qallu li kien gieblu iehor biex jghinu imma sfrattahulu fl-ewwel gurnata (Seduta 14/5/82 Page 8).

Mistoqsi dwar kif isiru r-registrazzjoni ghax-xoghol is-Sur Sammut qal li kull kaz jigi mistharreg fuq il-meriti tieghu. Spjega d-doveri tieghu u tal-Enforcement Section u tal-Employement Board u biex persuna tibdel ir-registration minn Part II ghal I irid ikun hemm raguni soda.

Is-Sur Scicluna

Accountant, prodott mis-Sunrise Park Hotel qal li jahdem bhala Accountant fil-Lukanda u lil-appellant jiftakru jahdem hemm bhala receptionist u fil-mini market. Ix-xhud qal li hu gie li hadem fil mini market imma ma kienx parti mix-xoghol tieghu. Meta kien jaghmel hekk aktarx li ma kienx ikun hemm min jaqdi l-klienti fil-mini market.

Mistoqsi mit-Tribunal dwar l-occupancy tal-Lukanda, ix-xhud qal li f'Marzu ma kienx hemm hadd fil-Lukanda, f'April ftit, f'Mejju kien hemm ftit ukoll u f'Gunju u Lulju kien hemm bejn 15 u 25 klienti. Percentaggi baxxi. Ma jahsibx li kien vijabbli li jimpjegaw persuna ghal mini market biss.

.../15

F'kontro ezami mis-Sur Debono Grech, ix-xhud qal li hu mpejjegat part time fil-Lukanda u Kuntratt ma ghandux. Bhala accountant ma kienx xoghlu li jahdem fil-mini market u kieku qalulu biex jaghmel xoghol hemm ma kienx jaghmlu ghax ma kienx imhallas ghalhekk.

Dwar l-impieg ta' Schranz qal li dan kien dahal mini market assistant u f'Lulju l-bejgh hemmhekk kien tela sewwa: ghaldaqshekk kien hemm lok li jimpjegawh.

Miss Baldacchino

Xhud imsejjha mis-Sunrise Park Hotel. Kienet hadmet bejn Gunju u Novembru, 1981, part time(Dokument 9).

Ix-xoghol taghha kien ta' Receptionist u kienet tahdem shift filwaqt li l-appellant kien jahdem shift iehor.

Ix-xhud qalet li hi wkoll kienet tahdem fil-mini market u l-grocery packs, fuq mistoqsija tas-Sur Debono u kompliet tispjega li l-appellant kien itella l-packs. Hi kienet tahdem il-Hadd u generalment kienu jgibu lura dak li ma giex ikkunsmat, taghmel ic-checking, tirranga l-kont u tpoggi r-ritorn fi -mini market. Applikat u hadmet wara li rat notice fil-gurnali. Ix-shift tax-xhud kien mil 5 sat 8 p.m. u fehmet li x-xoghol tal-mini market kellu konnessjoni mal-ufficju. Ma kienitx isib ogqezzjoni ghal dan ix-xoghol. L-appellant qatt ma qalilha biex ma taghmilx xoghol fil-mini market (wiegbet lis-Sur J. Debono Grech) u l-appellant kien jahdem matul il-gurnata, hi filghaxija, thoss li kien hemm lok ghal zewg receptionists biex jaqsmu t-tul tal hin.

Is-Sur P. Debono - Managing Director

Ikkonferma dak li qal flis Statement of Case, u qal li lill appellant urieh mill-ewwel x'kien ser ikun xoghlu u full time qabbdu biex ikollu aktar zmien u jista jaghmel ix-xoghol tal-mini market u ftehim mieghu li jtih aktar paga, mas-Sur Coleiro ma ftehim xejn hlief li ghidtlu li ser inqabbad wiehed. Lill-appellant keccieh ghax ma riedx jaghmel xoghol li kien ilu jaghmlu 5 xhur u ghax waqqghu ghal xejn quddiem impjegat iehor u rrifjuta quddiemu.

.../16

Inkorla hafna ghax l-appellant qal xi affarijiet lil Schranz, li kienu bejniethom, u rrendih kontrih. Kien qal lill appellant biex ma jghidlu xejn lil Schranz.

Is-Sur Debono qal li ma kellu xejn kontra l-appellant u kien lest li jzommu, avolja kien tah in-Notice u x'hin semghu jkellem lil Schranz, donnu tilef il-boxxla. Ara page 37, 38, 39 (Seduta 14 ta' Mejju).

Tkellem fuq dak li ghadda bejnu u bejn Schranz kif ukoll mas-Sur Coleiro u qal li baqa jinsisti ma dan tal-ahhar fuq l-appellant izda ammetta li qal lis-Sur Coleiro li ser jimpjega iehor. Imma kompla qal li wara li kellmu l-appellant, is-Sur Coleiro seta mar jara fil-Lukanda.

Mistoqsi mit-Tribunal ghaliex kiteb fil-Contract of Service tal-appellant li hu Reception/Office Work, u mhux haga ohra qal li din li teknikalita', il-fatti u x-xhieda tal-appellant qal li kien jaghmel ix-xoghol tal-mini market u grocery packs.

Li kieku kien jaf li l-appellant ma kienx ser jaghmel il-grocery packs kien ihallih part time.

Dwar il-warning qal li l-appellant kien falla u hallieh stranded, ghax kien qal li mar jilqa l-genituri tieghu wara gimgha safar.

L-appellant kien jahdem fuq roster u kien jahdem 30 siegha fil-gimgha jew ftit anqas.

Kontro ezaminat mis-Sur Debono Grech - Il-warning li kien tah, l-appellant ma ffirmahx. Skond l-accountant f'April ftit kien hemm nies fil-Lukanda, jiftakar li l-appellant falla 3 darbiet wara xulxin, ma jiftakarx jekk l-ittra bghatilux jew tahielu, imma kitiblu fil-punch cards biex jarahom. Ir-residenti jew tour operators ilmentaw ghax ma kienx hemm receptionist, billi l-akkomadazzjoni tal-klienti huma self-catering - holiday complex hu differenti, anke gieli li tawhom cavetta tal-bieb tal-~~flat~~ dawl, jigifieri ma jkunx hemm receptionist.

Is-Sur Debono qal li anke hu kien iservi fil-mini market, fl-ufficju u jirrispondi t-telephone, jigifieri r-reception ma tkunx wehidha.

L-appellant gie li kellu gimgha shiha biex itella 4 jew 6 grocery packs u bil-lift u fin-nuqqas tieghu kien joqghod hu jew l-accountant. Bl-ispejjez li ghandu ma jistghux jimpjegaw hafna nies.

Qabel hadmet Miss Baldacchino kien hemm it-tifla tieghu, hu nnifsu u kien hemm supervisor li kienu jaghmlu reception u l-mini market.

L-appellant kien jaf li huma jifthu l-mini market u meta ghamlu Office u Reception hadha 'for granted' li hu kien jaf mill-ewwel li l-mini market kien parti minn xogholu.

Meta qabbad lil Schranz, kellu f'mohhu li Debattista jaccetta li jaghmel ix-xoghol u jzommu, ghax ma riedx ikeccih. Meta qallu qud iem Schranz li ma riedx jaghmlu, irrabja u keccieh.

Cahad li l-appellant kien ilu jgorr fuq il-packs, u irrifjuta fit-12 jew il-15 ta' Lulju u widdibtuu qallu li ma setax izommu full time is-sena kollha u jaghmel il-ftit xoghol tal-ufficju. L-ichor qabbdu specifikament imma bli qallu l-appellant fuq l-Union, Schranz hadu fuq demm id-dars. Kompla rrisponda dwar Schranz u qal li dan ma riedx jiffirma ghax ried ikun receptionist. Dwar tal-Labour Department gie li kellu nkontri maghhom. It-Tribunal hawnhekk ried jaghmel car li waqt is-smiegh tal-kaz issemmew Sunrise Park Hotel u Sunrise Park Holiday Complex - dawn iz-zewg ismijiet huma sinonimi.

Is-Sur Debono Grech ghamel il-final submissions ghall-appellant. Hu qal li l-parti tieghu xtaqet tirranga qabel beda s-smiegh. Dwar il-kuntratt tax-xoghol tal-appellant is-Sur Debono Grech semma xi punti mix-xhieda li dehru quddiem it-Tribunal, issemma l-intervent tas-Sur F. Coleiro, ir-registrazzjoni ghax-xoghol fil-Part II u fil-Part I tal-Employement Office. L-appellant ma giex imkecci ghax kien receptionist hazin, il-warning li gie pprezentat ma kienx iffirmat mill-appellant ghax ma accettax.

Id-dokument pprezentat dwar avviz ghal-xoghol fis-Sunrise Park Hotel issemmi Chambermaids u receptionists. Ma hemmx mini market assistants: (Dok 10).

L-appellant mhux qieghed jitlob reinstatement, imma kumpens adekwat: il-paga li tilef kemm ilu barra, nieqes dak li ha bhala unemployment benefit.

Is-Sur Debono ghamel final submissions u qal li l-appellant gie mkecci ghal-ragunijiet gusti u sufficjenti u kienu tnejn

(a) ghaliex irrifjuta li jaghmel ix-xoghol
(b) ghax xewwex impjegat u rrispondih quddiemu.

Ix-xoghol tal-mini market hu xoghol tar-reception u office, fil-Lukanda tieghu. Ikkwota xhieda li ghamel hu stess fli Statement of Case, kif ukoll diversi punti minn xhieda li sema t-Tribunal fil-kors tal-kaz. Naqas li jmur ghax-xoghol 3 darbiet bla ta avviz.

Fl-ahhar qal li l-provi li gieb kienu konsistenti u l-verita u ma gewx ribattuti mill-appellant u jikkonfermaw li tkeccija tas- Sur Debattista kienet gusta u sufficjenti.

<u>Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>

It-Tribunal f'dan il-kaz l-ewwel ma stharreg kien il-claim tas-Sunrise Park Hotel li Debattista tkeccja filwaqt li kien fil-probation period u ghax ma riedx jaghmel parti mid-duties tieghu li kien ilu jaghmel (Dokument 7) mahrug fil-11 ta' Settembru, 1981.

Fil-bidu tat-Trattazzjoni it-Tribunal gharref liz-zewg partijiet li skond l-Att Nru XI ta' 1952 li gie maghmul biex jirregola l-kondizzjonijiet ta' l-impieg. Artikolu 25 jitkellem car dwar il-Probation u ghaldaqshekk il-perjodu ta' probation imnizzel fil-Contract of Service tal-appellant ghandu jkun skond il-ligi (tlett xhur) u mhux sitta kif qal is-Sur P. Debono.

Fl-istess Dokument (7) l-appellant jidher li kien impjegat Part Time Reception/Office Work b'rata ta' paga stipulata bis-siegha u full time b'rata ta' paga ghal-gimgha ta' 48 siegha.

.../19

Matul is-smiegh tal-kaz is-Sur P. Debono sostna li l-appellant kellu jaghmel xoghol iehor li mhux Reception/Office Work. Dan kien xoghol fil-mini market li jinkludi ukoll preparazzjoni u garr ta' Grocery Packs.

Fil-fatt il-kaz idur fuq dawn id-doveri tal-ahhar, li l-appellant ma cahadx li kien jaghmel ghal certu zmien. Imma l-appellant ta taghrif kif beda jaghmel dan ix-xoghol u qal li kien jghin lit-tifla tal-propjetarju tas-Sunrise Park Hotel u li kienet ukoll receptionist izda ma kienitx igorr il-Grocery Packs.

Barra din l-eccezzjoni kien hemm ukoll receptionist ohra li ma kienitx igorr il-Grocery Packs. Din kienet Miss Baldacchino.

Jidher car ghalhekk li dawn il-Packs kienu ta' certu piz, u ma jitqandlux minn nisa. Jidher ghalhekk li l-appellant kellu ragun li ma jkomplix jaghmilhom, meta dan ix-xoghol beda jizdied.

Jidher ukoll li meta l-appellant gie moghti l-avviz tas-sensja u appella lis-Sur Coleiro, Segretarju tat-Taqsima tal-Lukandi, Ristoranti u Ikel tal-G.W.U. dan is-sinjur intervina mas-Sur Debono u dan wiegbu li ser idahhal lil xi persuna ohra ghal dan ix-xoghol tal-Packs. Is-Sur Coleiro qallu ukoll li Receptionist ma ghandux jaghmel dak ix-xoghol.

F'ahhar jum li fih kellu jaghlaq in-Notice tal-appellant, gie jahdem persuna ohra, Mr Schranz. Fil-kuntratt tieghu dan gie mpjegat part time bhala Mini Market Assistant.

It-Tribunal hawnhekk jinnota li kien hemm differenza bejn id-duties ta' Reception/Office Work kif gie mpjegat l-appellant u Mini Market Assistant kif gie mpjegat Schranz. Dan apparti l-fatt li Schranz ried jahdem, ghax ghalhekk applika, bhala Receptionist.

L-appellant fl-ahhar jum li kien baqaghlu, skond in-notice, ma setax ma jghidx lil Schranz meta gie mitlub biex jghin li hu skond il-Union ma kellux jaghmel dak ix xoghol. Hawn is-Sur P. Debono jidher li ma hax pjacir. Skond hafna kliem li bih esprima ruhu fix-xhieda u li statements li pprezenta u kecca lil-appellant, ghad li

qal li Hieku ma qallux dal-kliem; ma wriex lis-Sur Schranz x'kien ghaddej bejn il management u l-appellant, kien izommu fl-employement.

Il-hsiebijiet tal-Management sakemm kellmu s-Sur Coleiro kienu differenti.

Jidher ukoll ndirrettament li matul iz-zmien li l-appellant ma kompliex bil-garr tal-Grocery Packs, xi hadd ghamilhom u ma kienx hemm ghalfejn il-management jergà jgieghel lill-appellant biex jghin lil Schranz fil-Mini Packs. Din kienet provokazzjoni cara.

Dwar warning (Dokument 6) dan kien dwar falliment mix-xoghol u ta dan giet moghtija spjegazzjoni minn Debattista li qal li kien wera l-bzonn li jfalli. F'okkazzjoni ohra f'Gunju gie sospiz nofs ta' nhar ghax-naqas li jmur ghax-xoghol. Dan kien meta mar jilqa l-genituri tieghu li gew minn btala ta' safar.

Mix-xhieda deher ukoll li l-impieg full time tal-appellant sar mis-Sur P. Debono ghax kein wasal zmien li jizdiedu l-klienti u mhux kif qal jew haseb l-appellant minhabba xi emenda fil-Wages Regulation Order. Jidher ukoll li dak li qal is-Sur Debono li l-appellant xewwex lil-Schranz kontra l-management bi kliemu, u baxxieh quddiem dan l-impjegat ma rrizultax mix-xhieda tas-Sur Schranz stess.

Jidher li dan jekk kien irrabjat kien ghax ried jahdem bhala Receptionist u mhux kif impjegawh.

It-Tribunal jixtieq jigbed l-attenzzjoni ta' l-employers li meta jaghmlu l-Contract of Service ta' l-impjegati taghhom, dawn il-kuntratti ghandhom isiru bl-ikbar serjeta u skond kif stipulat fl-Att Nru XI dwar il-Kondizzjonijiet tal-Impieg ta' 1952.

It-Tribunal irid jirrimarka ukoll li zmien ta' prova "Probation Period" skada meta l-appellant kien ilu tliet xhur impjegat part time u meta beda full time ma regax dahal fi Probation Period gdid kif qal is-Sur P. Debono.

Kien hemm differenza bejn il-kuntratti tal-Appellant Reception/ Office Work u tas-Sur Schranz - Mini Market Assistant u s-Sur Debono din kellu skop biex ghamilha. Kien jinghata ragun kieku l-appellant kellu fil-kuntratt li hu Mini Market Assistant, imma l-fatt li kien jaghmel il-Grocery Packs, sakemm oggezzjona, ma jfissirx li kellu jibqa jaghmlu jew jitkecca kif fil-fatt gara.

Ghaldaqshekk it-Tribunal jasal ghal dan l-Award:-

(1) It-tkeccija tas-Sur M. Debattista ma kienitx gustifikata.

(2) Ma jhossx li ghandu jirrikmanda li jiehu lura x-xoghol, ghad li ma talabx, imma ghat-telf tal-impieg ghandu jinghata is-somma ta' £M200. (Mitejn lira) bhala full and final settlement.

(3) Dan il-kumpens ghandu jithallas b'cheque, mhux aktar tard mill-ahhar ta' Gunju, 1982.

(4) Jekk jitlob, is-Sur M. Debattista ghandu jinghata certifikat mis-Sunrise Park Hotel, li juri biss iz-zmien li dam impjegat u kif kien impjegat 'Receptionist/Office Work'.

C. ROWE
CHAIRMAN

Edw. F. Abela
A/Segretarju

9 ta' Ġunju, 1982

ja